MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta ta' l-10 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 101/2011

**Carmelo Abdilla**

**vs**

**Auto Sales Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur tal-4 ta' Frar 2011 li jghid hekk:

1. Illi fit-13 ta' Novembru 2009, ir-rikorrenti xtara minghand il-kumpannija intimata vettura tat-tip Renault Megane 3, bin-numru ta' registrazzjoni JOA-410 (chassis number VF1BZOB0641861657) (kopja tal-logbook mehmuza - 'Dokument A') ghall-prezz ta' ghoxrin elf tmien mija u sitta u tmenin euro (€20,886), liema prezz thallas kollu max-xiri (kopja tal-kuntratt t'akkwist datat l-4 ta' Novembru 2010 mehmuza - 'Dokument B', kopja tal-fattura relattiva - 'Dokument C' u kopja tal-ircevuti relattivi ghall-hlas tal-prezz mehmuza - 'Dokumenti D1 u D2');

2. Illi ghalkemm din il-vettura inxtrat f'isem ir-rikorrenti Il hija wkoll registrata f'ismu, kienet intiza ghall-uzu u t-tgawdija ta' bintu Joanne Mifsud u zewgha Stephen Mifsud;

3. Illi b'effett mill-11 t'Awwissu 2010, ir-rikorrenti kien kostrett jiehu l-imsemmija vettura diversi drabi ghand il-kumpannija intimata minhabba hsarat inspjegabbli li zviluppaw fiha ripetutament, fejn id-dashboard ma baqax jiffunzjona u bdew jigu senjalati numru ta' hsarat fosthom fl-airbags u fil-brakes, u inxtghel warning light li javza lis-sewwieq biex iwaqqaf il-vettura b'mod immedjat (erba' ritratti li juri bic-car dawn il-hsarat mehmuza bhala 'Dokumenti E1, E2, E3 u E4');

4. Illi minkejja l-fatt li fl-ahhar xhur il-vettura ghamlet numru ta' gimghat ghand il-kumpannija intimata sabiex jippruvaw isewwuha, ir-rapprezentanti tal-istess kumpannija intimata stqarrew mar-rikorrenti li ma setghux isibu tarf tal-hsarat li kien hemm fil-vettura u dan minkejja li kien anke ttiehed il-parir tal-produttur;

5. Illi l-hsarat fuq imsemmija baqghu jimmanifestaw ruhhom, b'rizultat li r-rikorrenti ma setax ikompli juza tali vettura jekk mhux b'riskju kbir ghas-sewwieq u ghall-vetturi u l-persuni l-ohra li jista' jkun hemm madwarhom, peress li malli s-sewwieq jinghata struzzjonijiet biex iwaqqaf il-vettura l-kontroll tal-vettura mid-dashboard jintilef kompletament;

6. Illi t-tielet u l-ahhar darba li l-imsemmija vettura ddahhlet ghand il-kumpannija intimata bl-istess problema kien fl-20 ta' Novembru 2010, fejn wara ftit jiem ir-rikorrenti gie mgharraf li seta' jiehu l-vettura lura ghaliex minkejja l-hsara fuq imsemmija ma seta' jsir xejn aktar fuq il-vettura;

7. Illi permezz tal-ittra ufficcjali bin-numru 4762 pprezentata fit-30 ta' Novembru 2010 (kopja legali mehmuza - 'Dokument F'), ir-rikorrenti interpellaw lill-kumpannija intimata fejn gharrfuha li qeghdin iqisu l-hsarat li fiha l-vettura bhala difett mohbi li jrendi l-istess vettura mhux tajba u utli ghall-iskop li ghalih inxtrat. Konsegwenza ta' dan ir-rikorrenti talbu rimedju xieraq konsistenti fir-rexxizjoni tal-bejgh tal-vettura u r-rifuzjoni tal-prezz shih jew inkella r-rimpjazzar tal-imsemmija vettura b'wahda gdida identika;

8. Illi d-diversi tentattivi li saru bejn il-partijiet biex din il-kwistjoni tigi rizolta amikevolment fallew, peress li l-kumpannija intimata f'ebda hin m'offriet rimedju xieraq lir-rikorrenti kif hija obbligata li taghmel a tenur tal-Kapitoli 16 u 378 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. Illi minhabba dan kollu, ir-rikorrenti sofrew ukoll danni konsistenti fil-hlas tal-licenzja u l-assikurazzjoni tal-vettura bil-quddiem ghaz-zmien li fih il-vettura kienet u ser tibqa' ghand il-kumpannija intimata, u kif ukoll spejjez ohra ancillari;

10. Illi l-vettura ilha fil-pussess tal-kumpannija intimata sa mill-20 ta' Novembru 2010, u wara t-tmiem tat-tahdidiet tal-kumpannija intimata biex jintlahaq ftehim amikevoli, ir-rikorrenti sabiex jezimi ruhu minn kull responsabbilta iddepozita l-imsemmija vettura taht l-awtorita ta' din l-Onorabbli Qorti permezz tac-cedola ta' depozitu bin-numru 86/2011 tal-21 ta' Jannar 2011 (kopja legali tac-cedola ta' depozitu mehmuza 'Dokument G');

11. Illi Carmelo Abdilla jaf b'dawn il-fatti kollha personalment u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, tghid il-kumpannija intimata ghaliex ghar-ragunijiet premessi m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna:

(1) Tiddikjara Ii l-vettura tat-tip Renault Megane 3, bin-numru ta' registrazzjoni JOA-410 (chassis number VF1BZOB064186165) hija milquta minn difett mohbi li jrendiha mhux tajba u utli ghall-iskop li ghalih inxtrat;

(2) Tiddikjara mahlul il-kuntratt ta' bejgh tal-imsemmija vettura mill-kumpannija intimata lir-rikorrenti, bl-istess vettura terga' ssir proprjeta' tal-kumpannija intimata;

(3) Tiddikjara wkoll li l-kumpannija intimata ghandha tirrifondi lir-rikorrenti l-prezz shih tal-vettura u kif ukoll id-danni minnu sofferti ghaz-zmien li fih il-vettura kienet u ser tibqa' ghand il-kumpannija intimata;

(4) Tikkundanna lill-kumpannija intimata sabiex thallas lir-rikorrenti s-somma ta' ghoxrin elf tmien mija u sitta u tmenin euro (€20,886) rapprezentanti l-prezz tal-vettura;

(5) Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti ghaz-zmien li fih il-vettura kienet u ser tibqa' ghand il-kumpannija intimata;

(6) Tikkundanna lill-kumpannija intimata thallas lir-rikorrenti is-somma hekk likwidata fil-hames talba.

Bl-ispejjez kollha ta' din il-kawza, u inkluz l-ispejjez tal-ittra ufficcjali bin-numru 4762/2010 tat-30 ta' Novembru 2010, tac-cedola ta' depozitu bin-numru 86/2011 tal-21 ta' Jannar 2011 u tal-mandat ta' sekwestru mahrug fl-24 ta' Jannar 2011.

Bl-imghaxijiet legali fuq il-prezz tal-vettura ossia s-somma ta' ghoxrin elf tmien mija u sitta u tmenin euro (€20,886) dekorribbli mit-3 ta' Dicembru 2010, u cioe mid-data tan-notifika tal-ittra ufficcjali tat-30 ta' Novembru 2010, kollox kontra l-kumpannija intimata li minn issa hija ingunta in subizzjoni,

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta konvenuta li tghid hekk:

1. Illi t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fil-ligi u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess atttur.

2. Illi mhux minnu li l-vettura Renault Megane 3, JOA 410 hija milquta minn difett mohbi li jrendiha mhux tajba u utli ghall-iskop li ghalih inxtrat.

3. Illi l-vettura intuza mill-attur ghal zmien konsiderevoli u ghalkemm kien hemm xi problemi dan ma ifissirx li kien hemm difett mohbi kif msemmi fil-ligi.

4. Illi kull negozjati bejn il-partijiet saru minghajr pregudizju u l-attur ma kellu l-ebda dritt li jipprova jiehu vantagg minn dawn in-negozjati minghajr pregudizju.

5. Illi fil-kaz li din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi li kien hemm difett latenti kif msemmi fil-ligi allura l-attur ghandu jikkumpensa lis-socjeta konvenuta ghal zmien li kien ilu juza l-vettura.

6. Illi t-talba ghad-danni hi infondata. Illi l-attur ma kellu ebda dritt li jiddeposita l-vettura ghand is-socjeta u tali depositu huwa ghalhekk null skond il-ligi.

7. Illi skond l-artikolu 1427 tal-Kodici Civili l-attur si mai ghandu dritt li jitlob l-prezz lura izda ma ghandux dritt jitlob id-danni. L-attur ma jistax jiltob imghax billi dawn jirrapresentaw danni li mhumiex dovuti (ara Vassallo vs Zahra 23/1/1964 PA).

8. L-attur kontra r-rieda espressa mis-socjeta konvenuta qabad u halla l-vettura tieghu fil-proprjeta tas-socjeta konvenuta. L-attur gie debitament interpellat biex

inehhi l-vettura minn hemm izda baqa’ inadempjenti. Is-socjeta konvenuta tirriserva d-dritt li tfittex ghad-danni b'risultat ta' dan l-agir abbusiv. Dawn id-danni jinkludu ammont ghal kull jum li l-vettura tibqa’ fuq il-proprjeta tas-socjeta konvenuta.

9. Bl-ispejjez kontra l-attur.

Rat l-atti u relazzjoni tal-periti gudizzjarji u n-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti tal-kaz**

L-attur kien xtara vettura tal-marka "Renault Megane 3" minghand is-socjeta konvenuta ghall-prezz komplessiv ta' €20,886. Illi fl-10 ta' Awwissu, 2010, meta l-vettura kienet qed tinstaq minn Joanne Mifsud, improvvizament xeghlu numru ta' "warning lights" fl'iscreen tad-dashboard li kienu qed jindikaw problemi, inter alia, fil-"braking system", fl-"airbag", filwaqt li l-iscreen beda jindika wkoll li l-biebien tal-karozza kienu kollha miftuha (meta fil-fatt ma kienux), u l-ispeedometer waqaf jiffunzjona u l-istess ghamel il-gauge tat-temperatura. Dan kollu kien akkompanjat minn "warning sound" ("bleep") kontinwu. Dakinhar stess il-vettura ttiehdet ghand is-socjeta konvenuta biex jigu verifikati dawn il-"warnings". Is-socjeta konvenuta ezaminat is-sistema elettronika u gie deciz li jsir "re-boot" taghha. Ftit tal-jiem wara, il-vettura ngabret lura mill-konjugi Mifsud. Fis-27 ta' Awwissu, 2010, waqt li Stephen Mifsud kien qed isuq il-vettura, regghu tfaccaw l-istess problemi u l-istess gara fid-29 ta' Awwissu, 2010. F'dawn iz-zewg okkazzjonijiet ittiehdu ritratti ta' dak li kien qed jissenjala d-dashboard screen. Fil-31 ta' Awwissu, 2010 l-vettura regghet ittiehdet ghand is-socjeta konvenuta fejn damet circa xahrejn ghar-riparazzjoni. F'din l-okkazzjoni, b'konsultazzjoni mall-mother company fl-Ingilterra, inbidel l-ABS tal-vettura. Il-vettura mbaghad inghatat lura lill-konjugi Mifsud fid-29 ta' Ottubru, 2010. Il-problema regghet tfaccat fis-16 ta' Novembru, 2010 u fid-19 ta' Novembru, 2010 l-vettura ttiehdet lura ghand is-socjeta konvenuta. Sakemm kienet ghar-riparazzjoni, u wkoll b'konsultazzjoni mall-mother company fl-Ingilterra, din id-darba tbiddel komponent maghruf bhala "BDU". Fis-26 ta' Novembru, 2010 l-vettura kienet lesta

biex tingabar mill-konjugi Mifsud izda wara li s-socjeta konvenuta gharrfet b'dan lill-istess konjugi, l-vettura baqghet qatt ma ngabret u thalliet ghand is-socjeta konvenuta. Saru serje ta' laqghat bejn il-partijiet biex isir arrangament bonarju izda b'ezitu negattiv. Ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

**Difett u riparazzjonijiet**

Illi kif inghad fl-10 ta' Awissu 2010 dehru l-ewwel problemi fil-vettura meta improvvizament xeghelu numru ta' "warning lights" fl'iscreen tad-dashboard li kienu qed jissenjalaw fosthom "Stop Vehicle", "Braking system fault", "Check Airbag". L-iscreen beda jindika wkoll li l-biebien kollha tal-karozza kienu kollha miftuha (meta fil-fatt ma kienux), l-ispeedometer waqaf jiffunzjona u l-istess ghamel il-gauge tat-temperatura. Dan kollu kien akkompanjat minn "warning sound" ("bleep") kostanti.

Illi fl-ewwel darba li ddahhlet il-vettura ghand is-socjeta konvenuta, gie reinstallat is-software. Etienne Ellul qal hekk dwar dik l-okkazzjoni:

> Sa fejn niftakar l-ewwel darba li dahlet ghandna l-problema kienet problemajil-bozza tal-ABS li ghandha x'taqsam mal-brakes. Dan hen intermittent fault. Konna qabbadna l-vettura mall-kompjuters taghna. F'dak il-mument ma stajniex inkunu nafu l-problema x'kienet b'mod specifiku. Ghalhekk konna hassarna l-faults, bhal speci ghamilna re-boot tal-memorja tal-karozza u tajna l-vettura lura lill-klijent.

It-tieni darba reggha saru riparazzjonijiet fil-vettura u dina damet xahrejn u s-socjeta konvenuta bidlet l-ABS. Etienne Ellul rega' xehed hekk fuq x'sar:

> Xi zmien wara, imma ma nafx kemm ezatt, il-vettura regghet iddahlet ghandna. Il-problema skond il-klijent kienet l-istess bhal ta' l-ewwel okkazzjoni. Jien ergajt addottajt l-istess procedura u qabbadtha mal-kompjuter. Din id-darba ma kien irrizulta l-ebda fault. Pero, ahna konna ikkorrispondejna ma' barra cioe mar-Renault ta' l-Ingilterra. Ahna konna spjegajnilhom x'kien il-kaz tal-klijent u l-ilmenti tieghu. Wara ftit sighat, ir-Renault tal-Ingilterra kienu rrispondew u qalulna biex nibdlu 'part'. Il-'part' kienet l-ABS unit.

Etienne Dalli dwar dina l-okkazzjoni xehed li:

> Fit-tieni darba, l-ilment kien ukoll illi kien qed jixghelu l-bozzoz tal-warning lights. F'din l-okkazzjoni l-karozza kienet damet ghandna 5 gimghat ghax konna qed nistennew il-parts minn barra (l-ABS Unit). Damet daqshekk ghax tali parts ma kienux jistghu jigu bil-courier.

Dwar it-tielet darba illi ddahlet il-karozza, Etienne Ellul qal hekk:

> Ghat-tielet darba, il-vettura imsemmija regghet spiccat ghandna. F'din l-okkazzjoni l-ewwel haga li ghamilna kienet li hadna l-vettura ghal 'test drive'. Jiena kont soqt f'dan it-'test drive'. Sadattant konna ergajna kkorrispondejna mar-Renault tal-Ingilterra u dawn kienu gharrfuna li kellna nbiddlu 'fuse box' imsejjha 'BDU'. Jiena kont installajt BDU ohra in sostituzzjoni tal-ohra precedenti u minn dakinhar 'il quddiem il-problema ssolviet.

Is-socjeta konvenuta ssostni li kull darba Ii l-vettura ddahhlet il-garaxx l-ilment kien dejjem dwar iI-warning lights izda meta kienet ghandhom iI-warning lights qatt ma xeghlu. Skontha, wara r-riparazzjonijiet Ii saru, iI-problema giet solvuta billi kienu ikkomunikaw ma' barra u anke ghaliex fid-diversi test drives, inkluzi dawk maghmula mal-periti gudizzjarji, l-ebda warning light ma xeghel.

**Relazzjoni tal-Perit Tekniku**

Illi I-perit tekniku John Sciberras nominat minn dina l-Qorti biex jirrelata dwar jekk hemmx difett fil-vettura in kwistjoni u n-natura tieghu, fir-relazzjoni tieghu ighid li fit-test drives li ghamel il-vettura nstaqet f'kundizzjonijiet normali u l-ebda wahda/wiehed mill-hsarat/difetti allegati ma graw waqt dan it-test drive (fol. 61).

Hu kkonkluda hekk:

> In my humble opinion, the fact that the car in question was garaged and unused for such a long time makes it rather difficult to determine whether the alleged fault(s) really exist or not.
>
> However, from the inspections carried out and from examining the acts of the present proceedings, it is my humble opinion that, although no mechanical or electronic faults were materially identified during the described inspections, I deem that the vehicle in question:
>
> 1. Is affected by some form of fault. This is backed-up by the photographs exhibited by plaintiff (with the sworn application) that show that at some point in time, the dashboard was giving false alarms/faults. This is also backed up by the ECU recorded history which had recorded the said faultls at some point in time. Such fault is difficult to find and/or detect and/or pin point and may require changing a number of electronic components which are very expensive. On the other hand there is no guarantee that the fault is found by replacing such electronic components.
>
> 2. The nature of the fault, although the source cannot be clearly identified, can be described as an irregular and intermittent one. In the three

> inspections the alleged.faults.did.notmanifest themselves and/or were shown on the dashboard screen, but the photographs produced by plaintiff (along with the ECU recorded history) show that at some point in time these faults appeared on the dashboard screen and therefore making them qualify as intermittent. The nature of such intermittent faults may have an adverse effect on the driver's attention and/or pleasure while driving the vehicle (a fol. 74) [enfazi mizjuda].

In eskuzzjoni l-perit tekniku wiegeb li hu ra r-ritratti u meta ezamina l-karozza ma sabx id-difetti. Mir-rapport tal-Auto Sales jidher li huma kienu sabu xi difett, ikkomunikaw ma' barra, u dawn qalulhom kif ghandhom isewwu. Mistoqsi jekk mir-rapport tal-Auto Sales li ra, jistax jikkonkudi li huma solvew il-problemali kellha l-karozza, qal li ma jahsibx. Huma ghamlu dak li qalulhom l-esperti minn barra izda l-problema baqghet tidher. Huma reghhu kkomunikaw ma' barra u qalulhom li rega' ghandhom l-istess fault u tawhom proceduri differenti x'isegwu (ara fol. 155/156).

**Kontestazzjoni tal-partijiet**

Illi s-socjeta konvenuta qed tikkontendi li hija dejjem baqghet konsistenti fir-risposta taghha u cioe li kien hemm xi hsara fid-dashboard tal-vettura u wara li l-vettura ddahhlet ghandha, saru r-riparazzjonijiet necessarji u l-problema giet solvuta. Issostni li l-Perit tekniku nominat mill-Qorti ghamel tlett spezzjonijiet u zewg test drives fuq il-vettura u ma sab l-ebda difett fil-vettura.

L-attur invece jinsisti li mill-provi in atti mhemmx dubbju li l-vettura kienet u ghadha milquta minn difetti mohbija ai termini tal-artikolu 1424 tal-Kap 16. Kemm mir-rapport tal-espert tekniku u mix-xhieda ta' Etienne Ellul jirrizulta li tali difett huwa wiehed intermittenti u ghalhekk difficili li jigi lokalizzat. Dan id-difett kien prezenti mill-mument tal-bejgh u ma giex kawzat minn uzu irregolari tal-vettura mill-attur.

**Konsiderazzjonijiert tal-Qorti**

**Cedola depozitu u s-sitt eccezzjoni**

Il-Qorti se tibda billi tikkunsidra s-sitt eccezzjoni tas-socjeta konvenuta fejn din teccepixxi illi l-attur ma kellu ebda dritt li jiddeposita l-vettura ghand is-socjeta konvenuta u ghalhekk tali depositu huwa null skond il-ligi.

Jidher li d-duttrina u l-gurisprudenza jridu li biex xerrej jezercita din l-azzjoni, l-attur m'ghandux izomm l-oggett fil-pussess patrimonjali tieghu izda fizikament jehles minnu u generalrnent dan isir permezz ta' cedola ta' depozitu fejn jiddepozitah taht l-awtorita gudizzjarja.

Illi l-Qorti hija konxja minn dina l-gurisprudenza, izda, kif gie deciz recentement fis-sentenza **Medcomms vs Muscat Scerri** (App 31/01/2014), illi kienet tikkoncerna bejgh ta' oggett mhux tal-kwalita pattwita:

> Isegwi mill-premess li z-zamma wahedha min-naha tax-xerrej tal-haga mixtrija m'hijiex ta' xkiel ghas-success tal-azzjoni taht l-artikolu 1390. Hija z-zamma tal-oggett minghajr reklam ta' nuqqasijiet, jew minghajr impenn serju dirett lejn soluzzjoni li tista' twassal ghat-telfien tal-azzjoni kontemplata fl-artikolu 1390. Irid jirrizulta li x-xerrej "tilef dan id-dritt bil-fatt tieghu stess", u dan jiddependi mic-cirkostanzi tal-kaz u mhux biss mill-fatt lix-xerrej zammn ghandu l-oggett in vendita.

Fil-kaz in ezarni, fil-fehma tal-Qorti, ghalkemm rna gietx segwita l-procedura l-aktar idoneja u sar d-depozitu ghand konsenatarju indipendenti, jirrizulta li invece giet segwita procedura aktar prattika u rna hemmx dubbju li kien hemm reklam da parti tal-attur tan-nuqqasijiet riskontrati fil-vettura u huwa wera impenn serju dirett lejn soluzzjoni tal-kwistjoni u ghalhekk ma jistghax jinghad li d-depozitu rnhux validujew li c-cedola hija nulla.

Din l-eccezzjoni ghalhekk qed tigi michuda.

**Ligi**

L-artikolu 1424 tal-Kodici Civili jipprovdi hekk:

> Il-bejjiegh hu obbligat jaghmel tajjeb ghad-difetti li ma jidhrux tal-haga mibjugha illi jaghmluha mhux tajba ghall-uzu li ghalih hija mahsuba, jew li jnaqqsu daqshekk il-valur taghha illi x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz izghar, li kieku kien jaf bihom.

F'dan il-kaz ta' illum, l-attur ghazel l-ewwel alternativa, li skont l-artikolu 1427 tfisser illi l-attur ghazel li jaghti lura l-vettura u jitlob ir-radd tal-prezz.

L-unika eccezzjoni li s-socjeta konvenuta tat fil-mertu kienet li ma kien hemm ebda difett fil-vettura izda kien hemm biss xi hsara mhijiex gravi fid-dashboard u wara li l-vettura ddahhlet ghandha, saru r-riparazzjonijiet necessarji u l-problema giet solvuta.

Issa biex jirnexxi f'din l-azzjoni tieghu, l-attur jehtieglu jipprova dawn l-elementi bazici:
(i) il-vizzju fl-oggett mixtri u fuq kollox li tali vizzju kien mohbi;
(ii) li dan il-vizzju kien wiehed serju u ta' certu gravita;
(iii) li kien pre-ezistenti ghall-bejgh (Vol. XXXVII P II p 742) jew ezistenti fil-mument tal-bejgh (Vol. XLI P II p 1198; **Emanuel Fava vs Profs. John Mamo et nomine** (PA 03/10/2003); **Helen Micallef vs Godfrey Debattista et** (PA 27/10/2005).

**Difett li kien mohbi**

F'dan il-kaz il-vettura li xtara l-attur kienet-wahda-gd-ida-ghalhekk huwa kien jistenna li dina ser tahdem impekkabbilment u inoltre ma kien jehtieglu l-ghajnuna ta' ebda espert tekniku biex jara li dina ser tahdem sew u li ma fihiex difetti.

Illi l-perit tekniku ppremetta li fit-test drives li ghamel, il-vettura nstaqet f'kundizzjonijiet normali u l-ebda wahda/wiehed mill-hsarat/difetti allegati ma graw waqt dan it-test drive. Inoltre osserva li l-vettura kienet tinsab iggaraxxjata u mhux uzata ghal zmien apprezzabbli u dan kompla ghamel l-individwazzjoni tad-difett difficili. Izda nonostante dan, mill-ispezzjonijiet kollha li saru fuq il-vettura u l-provi kollha li nstemghu hu kkonkluda li l-vettura fiha xi forma ta' difett li johrog b'mod irregolari. Dan hu bbazah (1) fuq l-evidenza li gab l-attur meta ressaq ritratti li juru li, f'xi zmien jew iehor, fuq id-dashboard dehru u xeghelu s-simboli/sinjali li fil-fatt ma kienux minnhom u (2) dan hu msahhah bl-evidenza tal-ECU li fih hemm registrat x'sehh meta gew murija dawk is-sinjali/simboli.

Is-socjeta konvenuta donna qed tikkontendi li l-espert tekniku fir-relazzjoni kkonkluda li l-karozza ma fiha ebda difett billi l-espert tekniku ma sab l-ebda difett meta ghamel

tlett ispezzjonijiet u zewg test drives fuq il-vettura, Izda kif jidher hawn fuq, fir-rapport tieghu, l-konkluzzjoni hija wahda cara meta qal: I deem that the vehicle in question is affected by some form of fault, ghalkemm huwa ma setghax jiddetermina mnejn kien gej dan id-difett.

Is-socjeta konvenuta sosstni wkoll Ii l-aktar Ii jista' jghid I-attur huwa Ii kien hemm difett izda Ii Hum dan m' ghadux jezisti. Issotni li kien hemm computer error li s-socjeta konvenuta solviet u fil-fatt il-perit wara ma sab l-ebda difett.

Il-perit tekniku spjega li difett bhal dana huwa wiehed rregolari u intermittenti u dan huwa konfermat mir-ritratti Ii esebixxa l-attur u minn dak Ii johrog mill-ECU li ssenjala xi forma ta' fault kif semma l-attur. L-effett ta' dan it-tip ta' difett - Ii jaf jerga jsehh jew Ie u Ii ma tistax tghid mnejn gej - ikollu bzonn Ii jinbidlu numru ta' parts elettronici Ii jiswew hafna flus u m'hemrnx garanzija li l-fault jinstab u li l-problema tkun issolviet. Hu risaput illi aktar ma tkun teknologikament kumplessa l-fizjonomija ta' l-oggett jew tas-sistema, akbar hi l-possibilita ta' "intermittent faults".

Skont l-perit tekniku, l-effett ta' dawn id-difetti huwa li jkun hemm effett negattiv fuq ix-xufier billi jtellfu l-attenzjoni, il-gost tas-sewqan, u l-aktar importanti tizdied il-biza' fis-sewqan. F'kawza simili ghal dik prezenti fl-ismijiet **Mercieca vs UCIM Holdings Ltd** deciza fit-3 ta' Gunju 2008, il-Qorti kienet qalet li:

> l-fatt illi qeghdin jinghataw 'false alarms' ma jista' joffru l-ebda serhan tal-mohh lis-sewwieq tal-vettura in kwistjoni u dan ghar-ragunijiet ovvji. Jekk wiehed iffettillu jinjora dik l-'alarm’ ghaliex jahseb li hija 'false alarm' jista ukoll jigri li ma tkun 'false alarm' xejn, is-sewwieq jibqa' isuq il-vettura u danjista iwassal ghall-konsegwenzi drastic jew mhux mixtieqa.

Il-Qorti ghalhekk taqbel mal-konkluzzjoni tal-Perit tekniku li hemm ragunijiet bizzejjed biex tikkonkludi Ii I-vettura hi affetwata minn xi forma ta' difett.

Biex tirnexxi l-azzjoni attrici, mhux biss irid ikun hemm difett, imma tali difett irid ikun ukoll mohbi. F'dana I-kaz jirrizulta li d-difett lamentat ma giex individwat anke wara spezzjonijiet teknici, u ghalhekk d-difett ghandu jigi meqjus bhala wiehed mohbi, cioe bhala wiehed mhux riskontrabbili b'diligenza ordinarja, kif provdut fl-artikolu 1425 tal-Kodici Civili. Dan id-difett la kien osservabbli mill-attur fil-hin taI-bejgh u lanqas seta’

jigi kostatat mill-espert tekniku mnejn kien gej. Inoltre jirrizulta wkoll li s-socjeta konvenuta ma kinitx konsapevoli li l-vettura kellha d-difett deskritt hawn fuq.

**Difett gravi**

Illi l-ligi trid li mhux biss li l-oggett ikollu difett u li dan ikun mohbi izda biex tirnexxi l-azzjoni, id-difett irid ikun ta' certa gravita u li jaghmel l-oggett mhux tajjeb ghall-uzu li ghalih kien mahsub. Illi id-difett irid ikun tant gravi li kieku l-attur kien jaf b'tali difett huwa ma kienx ser jixtri l-oggett (ara **Mario Debono et Anthony Portelli et** (PA 16/10/1999); **Av. Dr. Anton Felice et vs Aplan Limited**" (App 12/01/2005).

Illi s-socjeta konvenuta ssostni li d-difett allegat mill-attur mhux difett serju u gravi izda difett li bi ftit spejjez gie rrangjat mis-socjeta konvenuta.

F'dan il-kaz id-dashboard tal-vettura beda jissenjala li l-vettura ghandha xi malfunzjonament anke jekk mekkanikament il-vettura kienet tidher u tinhass li qed tahdem tajjeb. Xufier ma jistax ma jaghtix kas tali sinjali ("warnings"). Dawn joholqu dubju u ansjeta fix-xufier li l-vettura tista' ma tirrispondix ghall-ordnijiet li jaghtiha. Il-pjacir fis-sewqan jista' wkoll jigu serjament ridott. Din kienet vettura gdida u l-attur kien jistenna li dina kellha tkun impekkabbilment f'kundizzjoni tajba. L-imsemmija warning signs li juru “Stop Vechicle”» jew “Braking system fault” jew “Check airbag” huma sinjali serji li jallarmaw li dak li jkun, li l-vettura mhux ser tirrispondi sew. Dan mhux xi difett "minuri u mhux ta' importanza" kif tikkontendi s-socjeta konvenuta. Hawnhekk qed nitkellmu fuq oggett sofistikat hafna, kemm mill-aspett mekkaniku u kif ukoll minn dak elettroniku u a differenza ta' zmienijiet ohra, illum il-gurnata l-vetturi qed izidu fis-sembjanza komputerizzata taghhom, fejn il-partijiet mekkanici taghhom huma fil-maggor parti kontrollati minn mohh wiehed centrali elettroniku ("central management unit") (ara eskussjoni tal-perit tekniku tat-8 ta' Mejju, 2012) li jfassal u jaghti ordnijiet lill-vettura. Hsara fil-parti elettronika ghamel inoperattiv l-parti mekkanika. Dan l-apparenti difett fil-parti elettroniku, jaghmel il-parti mekkanika apparentement difettuza wkoll. Fiz-zewg sitwazzjonijiet sewwieq ghandu jieqaf milli jkompli jsuq il-vettura sakemm id-difett jigu ndividwat u msewwi. Fil-fatt is-socjeta konvenuta kienet qalet lil Joanne Mifsud biex ma tkomplíex issuq il-vettura dment li

kien hemm dawn il-warning signs meta hija rrapportat dak li gara lis-socjeta konvenuta.
Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li dan id-difett intermittenti fil-vettura in ezami ghandu jigi kkunsdirat bhala wiehed serju u gravi.

Is-socjeta konvenuta ssostni wkoll li jekk kien hemm xi hsara dina giet irrangjata u fil-fatt l-perit tekniku in segwitu ma rriskontra l-ebda difetti fl-ezamijiet li huwa ghamel fuq il-vettura.

F'dan ir-rigward il-Qorti tirrileva li ma ngabitx prova konklussiva da parti tas-socjeta konvenuta kif hija solviet il-problema. Il-Perit tekniku mistoqsi mill-Qorti jekk mir-rapport li rah tal-Auto Sales jistax jikkonkludi li fil-fatt huma solvew il-problema, hu wiegeb: “Ma nahsibx”.

Il-Qorti hawnekk ukoll taghmel referenza ghal dak deciz fil-kawza **Perit Emmanuele Borg. A.&C.E. vs Carmelo Petroni noe** (App Civ 29/01/1954, riportata f'Kollez. Vol. XXXVIII(A)-I-279 fejn qalet li

> xejn ma jimporta li l-vizzju jista' jigi riparat; dak li jimporta huwa eskluzivament l-istat u l-kondizzjoni tal-haga fil-mument meta din tghaddi ghar-riskju u perikolu tal-kompratur; u min ihallas il-prezz gust ta' haga gdida ma ghandux jigi kostrett jikkuntenta ruhu b'haga msewwija, kbira jew zghira kemm tkun dik it-tiswija.

(Ara wkoll **Fenech vs Auto Sales** (PA 30/10/2012). Inoltre jigi rilevat li wara li l-vettura ddahhlet it-tielet darba ghand is-socjeta konvenuta, dina rrifjutat li taghti garanzija lill-attur li d-difett riskontrat minnu ma kienx ser jerga' jirrepeti ruhhu u ppretendiet li l-attur joqghod fuq il-kelma taghha li l-problema giet solvuta.

**Difett ezistenti fil-mument tal-bejgh**

Illi s-socjeta konvenuta ssostni li d-difett immanisfesta ruhu biss wara li ghaddew disa xhur mill-mument tal-konsenja tal-vettura u dana jfisser li ma kienx hemm difett fil-mument tal-bejgh.

Illi skont il-ligi d-difett ghandu jkun pre-ezistenti ghall-bejgh jew inkella jezisti fil-mument tal-bejgh u din il-prova trid taghmilha l-parti li tallega tali difett.

Illi d-difett in kwistjoni deher fuq l-iscreen tad-dashboard tal-vettura fl-10 ta' Awwissu, 2010, filwaqt li l-vettura giet f'idejn l-attur fil-11 ta' Novembru, 2009. Ghalhekk ghal circa disa’ xhur il-vettura tidher li hadmet tajjeb u ma gie rapport ebda nuqqas. Dan wahdu pero ma jfissirx li l-vizzju ma kienx hemmhekk kif qed tissottometti s-socjeta konvenuta fit-tielet eccezzjoni taghha. Il-Qorti hi tal-fehma li f'dan il-kaz id-difett kien pre-ezistenti ghal bejgh. Min-natura tieghu, id-difett huwa wiehed intrinsiku ghall-produzzjoni u l-installazzjoni tas-sistema elettronika tal-vettura u tfacca meta l-vettura bdiet tghaqdi l-funzjoni taghha. Mhux bil-fors li d-difett kellu jimmanifesta ruhu mill-bidunett tal-uzu tal-vettura u d-dekors ta' disa' xhur m'ghanduxjigi kkunsidrat bhala zmien twit bizzejjed biexjigi eskluz li kien hemm difett pre-ezistenti. Fit-tlett okkazzjonijiet li ddahhlet il-vettura ghand is-socejta konvenuta, il-haddiema tas-socjeta konvenuta biddlu parts originali tal-vettura b'ohrajn godda izda huma fl-ebda stadju ma' nnotaw xi manumissjoni jew xi hsarat estemi riportati f'wiehed jew aktar minn dawn it-tlett komponenti. Lanqas ma nnotaw li xi haga li setghet tindika li l-attur kien ghamel uzu irregolari mill-vettura.

Ghalhekk il-Qorti qeghda tilqa' t-talba attrici ghar-rexxissjoni tal-bejgh tal-vettura ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

**Danni**

Jifdal issa li tigi trattata l-kwistjoni tad-danni li qed jirreklama l-attur.

L-attur mhux biss talab ir-rexxissjoni tal-bejgh, billi jrodd lura l-oggett mixtri u jitlob il-prezz tieghu lura izda qed jitlob ukoll id-danni.

Skont l-artikolu 1429(1) tal-Kap. 16:

> Jekk il-bejjiegh kien jaf bid-difetti tal-haga mibjugha, hu obbligat mhux biss li jrodd il-prezz li jkun ircieva izda wkoll li jhallas id-danni lix-xerrej.

Izda t-tieni subinciz jipprovdi wkoll li:

> Jekk il-bejjiegh ma kienx jaf bid-difetti tal-haga, hu obbligat biss irodd il-prezz u jhallas lix-xerrej l-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-bejgh.

Minn ezami tal-provi prodotti ma jirrizultax li s-socjeta konvenuta kienet taf, kif jipprovdi l-artikolu 1429 tal-Kap. 16 li l-vettura kellha d-difett deskritt hawn fuq imsemmi meta nbieghet il-vettura lill-attur. Dan id-difett ma kienx osservabbli mill-attur fil-hin tal-bejgh u lanqas wiehed li setgha facliment jigi konstatat mill-espert tekniku mahtur f'dawn il-proceduri. M'hemmx prova lanqas li s-socjeta kienet taf b'dan id-difett meta nbieghet il-vettura lill-attur.

L-attur qed jitlob bhala danni l-ammont ta' €1,404 (ara para. 18 fol. 192) in kwantu ghal asskurazzjoni u licenza ghall-perjodu bejn l-1 tal Novembru, 2010 u t-30 tal Ottubru, 2011; 1 tal Novembru, 2011 u t-30 tal Ottubru, 2012; u 1 tal Novembru, 2012 u t-30 tal Ottubru, 2013. L-attur jorbot tali hsarat mal-fatt li s-socjeta konvenuta kienet taf dwar id-difett mohbi fl-oggett mibjugh, liema fatt pero ma rrizultax mill-provi.

Ghalkemm hu minnu li l-licenzja u l-assigurazzjoni huma distinti mill-ftehim ta' bejgh, izda, billi f'dan il-kaz l-partijiet inkludewhom fil-kuntratt ta' bejgh, dawk l-ammonti hekk inkluzi, ghandhom jigu ristitwiti. L-ispejjez l-ohra inkorsi wara, cioe dawk li saru wara l-bejgh, kienu obbligu legali imposti fuq l-attur u ghalihom ma tistax tirrispondi s-socjeta konvenuta. Meta giet depozitata l-vettura permezz tac-cedola ta' depozitu l-attur iddikjara li "fil-prezent l-imsemmija vettura tinsab ghand il-kumpannija intimata fejn ilha hemm depozitata b'mod kontinwu sa mill-20 ta' Novembru 2010" (a fol. 21). Ghalhekk, mill-20 ta' Novembru, 2010

l-attur ma kellu l-ebda obbligu li l-vettura jkollha licenzja ta' cirkolazzjoni u li tkun wkoll koperta b'polza ta' assigurazzjoni. Wara d-depozitu tal-vettura, l-attur kien qed "jezimi ruhu minn kull responsabbilita" u ghalhekk kien liberu li ma jibqax ihallas l-assigurazzjoni u licenza ta' cirkolazzjoni. La darba l-vettura giet depozitata, dina mhux suppost kellha tintuza u jekk jigrilha xi haga r-responsabilita taqa' fuq id-depozitarju li zammha ghandu.

Ghaldaqstant l-ispejjez tal-bejgh li ghandhom jigu ritornati huma fl-ammont ta' €20,886 li fih hemm kompriz is-somma ta' €286.

Ghaldaqstant, it-tieni parti tat-tielet taiba, illi fiha l-attur qed jitlob ghad-"danni minnu sofferti ghaz-zmien li fih il-vettura kienet user tibqa' ghand il-kumpannija intimata" m'ghandhiex tintlaqa'.

**Imghax**

Is-socjeta konvenuta eccepiet ukoll li l-attur ma jistax jiltob imghax billi dawn jirrapresentaw danni li mhumiex dovuti (seba’ eccezzjoni).

Gie stabbilit li s-socjeta konvenuta kellha obbligu li tirrifondi l-prezz tal-vettura, minhabba li dak minnha ikkonsenjat kien affett minn difett latenti u allura ghandu jiddekorri l-imghax fuq is-sorte almenu mid-data tan-notifika tal-azzjoni attrici lis-socjeta, f'dan il-kaz, mit-3 ta' Dicembru, 2010. Din m'hijiex dipendenti fuq il-mala fede o meno tas-socjeta konvenuta, izda mill-fatt li s-socjeta konvenuta naqset li tosserva l-obbligi taghha u ma rrifonditx il-prezz lill-attur meta kienet interpellata taghmel dan. Fir-rigward tal-harnes eccezzjoni fejn is-socjeta konvenuta eccepiet: "Illi minghajr pregudizzju jekk din l-Onorabbli Qorti taccetta li hemm difetti latenti skond il-ligi ghandu jigi konsidrat l-uzu li ghamel ir-rikorrent mill-mument tal-bejgh."

Il-Qorti taghmel referenza hawnhekk ghas-sentenza **Alfred Fenech v. Auto Sales** fuq riportata fejn fuq eccezzjoni simili l-Qorti kienet qalet li:

> Illi dwar it-tielet eccezzjoni fejn jinghad li ghandu jigi kkunsidrat l-uzu li ghamel ir-rikorrenti mill-vettura mill-mument tal-bejgh jinghad li l-ligi ma tipprovdi xejn dwar dan fl-artikolu 1427 tal-Kap. 16 u kull ma hemm stipulat huwa biss li ghandu jkun hemm rifuzzjoni tal-prezz f'dan il-kaz.

Dina l-eccezzjoni qed tigi michuda wkoll.

Kwantu ghat-trnien eccezzjoni fejn is-socjeta konvenuta qed tilmenta li minhabba l-fatt li l-attur qabad u halla l-vettura ghandha, hi kienet qed tirriserva l-jeddijiet taghha li titlob kumpens ghall-pregudizzju minnha soffert b'dan l-agir, li tiddiskrivih bhala "abbuziv", il-Qorti tirrileva li s-socjeta konvenuta ma gabet l-ebda prova f'dawn il-

proceduri dwar id-danni allegatament sofferti minnha. Inoltre s-socjeta konvenuta ma ressqet l-ebda kontrotalba sabiex titlob dawk id-danni. Ghalhekk kull jedd li s-socjeta konvenuta jista' jkollha kontra l-attur qed jigi lilha rizervat, sabiex jekk jidhrilha tressaq it-taiba ad hoc f’gudizzju opportun.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta; tilqa' l-ewwel zewg talbiet attrici; tilqa' it-tielet talba in parte, u tiddikjara li socjeta konvenuta ghandha tirrifondi lill-attur il-prezz shih tal-vettura (€20,886), izda tichadha, ghall-motivi imsemmija fis-sentenza, ghal dak li ghandu x'jaqsam mad-domanda ghad-danni ghaz-zmien li fih il-vettura kienet ghand is-socjeta konvenuta; tilqa' r-raba; u konsistentement mat-tielet talba; tichad il-hames u sitt talbiet.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta konvenuta.

L-imghax fuq is-somma ta' ghoxrin elf tmien mija u sitta u tmenin euro (€20,886) ghandhom jiddekorru mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali mit-3 ta' Dicembru, 2010 sad-data tal-pagament effettiv.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------